MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 621/1999

**Il-Pulizjia**
**Spettur Noel Cutajar**
**Spettur Joseph Valletta**

**VS**

**Patrick Mangion, iben Anthony u Giovanna nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar it-30 ta' Jannar, 1973, residenti fil-fond Redentur, Triq il-Maghsar, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' numru 68773M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Patrick Mangion** li gie akkuzat talli:

1. Fil-Qawra, nhar it-8 ta' Settembru, 1999, f'xi hin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta' somma ta' flus ta'

Lm100.00 flimkien ma' deheb u oggetti ohra mill-fond numru 1409, Bugibba Holiday Complex, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), lok u li sar ghad-detriment ta' Catriona Hardie u Lynn Currie;

2. U aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta' Lulju, 1998;

3. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 09.12.1997 (Hall 8).

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, Patrick Mangion wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':
L-Artikoli 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278, 279, 28B, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 132).

Semghet il-provi saljenti li ngabu dwar dan il-kaz.

Xehdet ghalhekk Lynn Currie d-derubata – qalet bl-Ingliz illi dahlet gol-kamra tal-lukanda Bugibba Holiday Complex, u hemm rat lill-imputat go din il-kamra. Sabet neqsin mill-kamra flus u gojjelli. Tat valur tal-gojjelli ammontanti bejn sitta u seba' mitt lira Sterlina. Qalet illi din il-gojjellerija kienet inxurjata ma' Holiday Insurance. Spjegat illi dawn l-affarijiet kienu go pouch. Qalet ukoll illi qabel ma harget mill-kamra, cioe' meta telqet, ghalqet il-bieb.

Xehdet illi din il-persuna, skondtha l-akkuzat, qaltilha li kienet il-plumber. Qalet ukoll illi kif dahlu, hu hareg wara li ccekkjaw il-vit tal-ilma. Qalet ukoll illi ghaxar minuti wara li hareg, indunat illi kienu naqsu l-flus u l-gojjelli. Xehdet ukoll illi l-persuna li kien fil-kamra qed jaghmilha ta'

plumber kellimha bl-Ingliz. Ziedet ukoll illi r-rapport ghamlitu fi zmien nofs siegha. Ikkonfermat illi mal-pulizija hi identifikat lill-imputata mir-ritratti fi ktieb li urewha l-pulizija, kif ukoll sussegwentement fl-ID Parade. Bejn wiehed u iehor qalet illi wrewha mitejn ritratt. Ikkonfermat ukoll in kontro ezami illi mir-ritratti ghazlet ukoll tlieta minn nies ohra. Ikkonfermat ukoll illi n-nies kienu “pretty much” (folio 21) tal-istess binja. Kienet kategorika li fil-fatt kien il-persuna li rat u mhux persuna ohra. “No. There is no way – it is him.” (ibid).

Sehbitha Catriona Hardie, ukoll xehdet illi maghha – max-xhud ta’ qabel, kienet marret lura fl-appartament li kellhom gewwa l-Bugibba Holiday Complex. Sabu ragel fl-appartament li qallhom li kien qieghed jiccekkja l-ilma. Meta telaq, ftit wara skoprew it-tieqa tal-kamra tal-banju. L-oggetti nieqsa taghha kienu bhala gojjellerija ghall-valur ta’ bejn tmienja u disa’ mitt Lira Sterlina, inxurjata wkoll tramite Holiday Insurance. Naqsulha wkoll tminn liri Maltin.

Ix-xhud indikat lill-imputat bhala l-persuna li rat fil-kamra. Qalet illi gharfitu minn wiccu u mill-binja, u mill-hwejjeg li kien liebes. Xehdet ukoll illi meta waslu lura, il-bieb tal-kamra kien maghluq. Qalet illi meta dahlu fil-kamra, sabu lill-imputat hemm. Qalet ukoll illi hu kellimhom bl-Ingliz tajjeb, fehmitu. Indunat illi kellhom affarijeit neqsin wara hames jew ghaxar minuti li telaq il-persuna.

Dwar il-procedura wzata mill-pulizija ghall-indentifikazzjoni, wiegbet illi wrewhom ir-ritratti li minnhom ghazlet tlieta. Ikkonfermat illi mit-tliet persuni li ghazlet, l-imputat biss kien fl-identification parade. Ikkonfermat illi fl-identification parade, in-nies fiha nvoluti kienu lebsin tip ta’ hwejjeg. Ikkonfermat illi fl-identification parade kien hemm min kien l-istess tul u min iqsar.

Xehed minn naha tieghu l-Ispettur Noel Cutajar, li qal illi meta mar fil-kamra tal-lukanda gewwa l-Bugibba Holiday Complex, osserva li kien hemm tieqa li taghti ghal gox-shaft u faccata tal-istess tieqa kien hemm tieqa ohra li kienet taghti gol-kamra tal-banju tal-kamra in kwistjoni.

Ikkonferma li dawn it-tnejn marru d-Depot, gew murija xi ritratti u anke hadu sehem fl-identification parade li fiha gie ndikat Patrick Mangion. Zied illi d-derubata identifikat lill-persuna bin-numru 7 bhala l-plumber li kien fil-kamra. Ezebixxa l-ID Parade sheet, Dok NC folio 34. Exebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat, Dok PM.

PS 845 Peter Cini xehed illi huwa wkoll kien acceda fil-Bugibba Holiday Complex, Room 1409, fejn hemm zewg nisa turisti Nglizi kienu qalulu li kienu sabu ragel gol-kamra taghhom li qallhom li kien plumber. Spjega wkoll li kien hemm tieqa li taghti ghal go shaft li kienet sgassata. Senjatament xehed ukoll dwar il-fatt illi darba gewwa d-Depot dawn id-derubati gew murija ammont ta’ ritratti li minn fuqhom kienu ghazlu lil Patrick Mangion bhala l-plumber. Assista wkoll ghal ID Parade komposta skondtu l-line-up minn tminn persuni fosthom anke l-imputat Patrick Mangion, minn fejn ghazlu wkoll lill-imputat. Xehed li rega’ sar line-up iehor aktar tard u hawnhekk rega’ gie maghzul minnhom l-imputat. Gie ezebit ukoll l-line-up bhala Dok PC a folio 45 minn PS 1374 Edgar Dalli. L-istess Surgent Dalli ezebixxa wkoll ir-ritratti tal-istess line-up.

Minn naha tieghu certu Massimo Gatt, duty manager dak iz-zmien fil-Bugibba Holiday Complex, ikkonferma li l-kamra 1409 kienet mikrija lid-derubati u li hadd bl-isem ta’ Patrick Mangion ma kien hemm impjegat fil-complex anke bhala plumber.

Gew ezebiti wkoll zewg sentenzi fil-konfront ta’ Patrick Mangion a folio 70 et seq. F’dan ir-rigward id-Difiza ezentat ukoll lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ xhieda tal-identita’ dwar l-istess.

Ghandu jinghad ukoll li l-esperti kollha nominati fl-Inkjesta Magisterjali kkonfermaw ir-relazzjonijiet taghhom.

Senjatament Joseph Bongailas nominat biex jaghmel ezami komparattiv tal-impronti digitali misjuba fuq il-post derubat u dawk mehuda minn fuq l-imputat, ikkonkluda li

ebda mpronta ma tat ezitu fil-pozittiv (vide Dok JB folio 104 et seq).

Dak iz-zmien l-Ispettur Noel Cutajar ikkonferma waqt l-investigazzjoni ta’ din is-serqa, il-barranin derubati kienu fil-fatt tawh dettalji dwar il-persuna li kienu ltaqghu maghha fil-lukanda, dettalji bhal li kien over six feet, u li kien ukoll samrani. Fix-xhieda tieghu jghid li huwa wasal biex jidentifika lill-malviventi bhala Patrick Mangion ghaliex wara li d-derubati kienu gew murija ritratti tas-suspettati, dawn kienu mill-istess identifikaw lil Patrick Mangion. Qal ukoll illi l-ID Parade saret pero wara li d-derubati kienu gia’ raw ir-ritratti. Dwar kif tkellem l-istess imputat mad-derubati, minn dak li qalulu l-Inglizi fl-investigazzjoni tieghu, is-Sur Cutajar wiegeb illi d-derubati l-Inglizi lilu kienu qalulu li tkellem maghhom bil-lingwa Ngliza.

Gie ezebit ukoll animo ritirandi minn PC 1480 Book 11 li kien album mizmum fis-CID Registry kontenenti sensiela ta’ ritratti ta’ nies li fuqhom saret l-identifikazzjoni tas-Sur Mangion, kif ukoll minn PS 516 Alfio Borg fuq ordni tal-Qorti a folio 164 ritratt tar-ritratti tal-imputat Patrick Mangion mehuda mill-istess ktieb. F’dan ir-rigward vide wkoll Dok B u Dok C, folio 170.

Patrick Mangion l-imputat ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana, fejn esprima rabja kbira ghal dan il-kaz li ngab kontra tieghu, b’insistenza li dan kien frame-up; li x-xhieda Nglizi kienu qeghdin jigdbu, u b’asserzjoni li huwa l-kawzi li ghalihom responsabbli ammettiehom. Misotqsi mill-Ufficjal Prosekutur kif gie identifikat huwa fl-ID Parade, baqa’ jinsisti li l-Inglizi kienu qeghdin jigdbu.

Wara hafna trapass ta’ zmien (snin), id-Difiza ghazlet, anke wara hafna twissijiet mill-Qorti, li ttella’ bhala xhud lil certu Joseph Vella - ghalliem gewwa il-Habs ta’ Kordin. L-ghan ta’ dan kien biex jigi stabbilit il-konoxxenza tal-istess imputat fil-lingwa Ngliza, ovvjament stante li d-derubati snin qabel kienu xehdu li l-imputat lilhom kellimhom bl-Ingliz sew. Dan Joseph Vella spjega li hu kien imexxi l-iskola tal-Habs u li Patrick Mangion kien student tal-istess

skola dan fis-sena 2012 (wiehed ghandu jzomm f'mohhu f'dan ir-rigward li dan ir-reat imur ghas-sena 1999). Gie mistoqsi l-istess ghalliem jekk l-imputat kinx kapaci jzomm konversazzjoni "in very good English" (folio 253). Wiegeb hekk: "Patrick Mangion meta gie l-iskola l-ewwel darba gie ttestjat fil-Malti u fl-Ingliz, fil-Malti huwa baghtut hafna wkoll, u fl-Ingliz aktar." Meta gie mistoqsi jekk hux kapaci jitkellem bl-Ingliz "in very good English", wiegeb "Assolutament le.", anzi spjega li ghalih Patrick Mangion kien "Qisu ghadu jibda l-iskola primarja……jaghraf ftit ittri u jaghraf ftit frazijiet. Spjega wkoll in kontro ezami li kien anke jaghmillu test bil-miktub u kellu paragrafu zghir x'jaqra u anke staqsieh xi mistoqsijiet semplici bhal kif iqatta' l-gurnata u kif kienu l-hobbies tieghu – dan dejjem bil-lingwa Ngliza. Baqa' jinsisti li l-livell tal-imputat tal-lingwa Ngliza kien ta' wiehed diehel fl-iskola primarja, u mistoqsi jzommx konversazzjoni normali, wiegeb hekk "No, not just a phrase." Aktar tard fix-xhieda tieghu jghid li s-Sur Mangion hu tah parir li jaghmel kors bil-Malti, li huwa kors tal-ETC, Level 1, u spjega li minn dan il-kors persuna suppost tkun prattikament taf l-alphabet u tkun taf tghaqqad xi kliem ta' sintesi zghar.

Rega' xehed ghat-tielet darba, fejn kif mitlub ezebixxa r-rizultanzi skritti ta' speci ta' ezamijiet li hu ghamel lis-Sur Mangion biex jistabilixxi l-konoxxenza fl-Ingliz tieghu, ezebiti dawn bhala Dok JV, folio 266 et seq. Qal li minn dan l-ezami mill-marka ta' mija massimu, fuq l-Ingliz tah erbgha u ghoxrin punt. Meta kellmu bl-Ingliz qal li l-imputat kien kapaci jirrispondi f'mono-syllables ghall-mistoqsijiet "What's your name?" and 'What's your surname?", u li kien highly improbable ghalih li l-imputat kien zamm xi konversazzjoni bil-lingwa Ngliza.

L-Ispettur Noel Cutajar, illum mhux parti mill-Korp, ittella' jixhed in difeza u rega' spjega wkoll kif l-Inglizi kienu gharfu mir-ritratti lilhom murija mill-pulizija u sussegwentement mill-ID Parade, u rega' fakkar li kienu ddeskrevewh bhala wiehed twil oltre sitt piedi. Qal li hu pero ma kinx prezenti ghall-ID Parade.

Gie mqabbad ukoll Dr Mario Scerri fuq talba tad-Difiza biex jiehu l-kejl tal-istess imputat, b'konkluzjonijiet li huma ezebiti fl-istess relazzjoni Dok MS.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti, rat ukoll ir-ritratti ezebiti tas-Scene of the Crime Officers fir-relazzjoni mmarkata Dok CA, mehuda minn PS 1182 Cassar Raymond, formanti parti mill-istess relazzjoni, senjatament tat-twieqi nvoluti minn fejn suppost l-imputat acceda ghal gol-kamra misruqa.

Ikkunsidrat:

Illi verament jirrizulta z-zewg xhieda Nglizi identifikaw ghal darbtejn lill-imputat mill-ID Parade li saritilhom. Meta wiehed ihares lejn ir-ritratti ezebiti kif gia' premess fl-ID Parade, verament l-imputat jirrizulta li huwa l-itwal minn fost il-line-up; pero l-line-up – ghalkemm mhix ghal kollox felici fir-rigward tat-tul tal-imputat, mhix wahda li ghal kollox tizvijja. Illi jirrizulta wkoll li qabel l-istess line-up id-derubati gew murija diversi ritratti, inkluz ukoll dak tal-imputat. Kif jirrizulta mix-xhieda taghhom, mill-istess ritratti ghazlu tlieta minn nies, pero kif jirrizulta aktar tard iz-zewg persuni l-ohrajn minnhom identifikati fir-ritratti, ma gewx inkluzi fil-line-up – dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti jippregudika l-validita' tal-istess line-up. Dan kollu jrid jittiehed ukoll in konsiderazzjoni mal-fatt illi ebda mpronta digitali ma qablet ma' dawk tal-imputat; li l-imputat innifsu nnega b'mod kategoriku l-involviment tieghu f'din l-akkuza b'tali mod li ghazel illi jiehu l-pedana u jissoggetta ruhu ghall-kontro ezami, u oltre dan kollu l-ghalliem tieghu, snin wara, jinsisti li l-imputat mhux kapaci jzomm konversazzjoni bil-lingwa Ngliza, ahseb u ara li jitkellem sew jew jindirizza lil xi hadd sew b'Ingliz sew.

Ghal ragunijiet premessi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat kif migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------